# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta' Settembru 2023**

Appell numru 472/2022

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Sharon ABELA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Ottubru 2022 fil-konfront ta' Sharon ABELA (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru: 508776M) li ġiet mixlija talli:

Nhar il-31 ta' Jannar 2022 għall-ħabta ta' 00.00hrs ġewwa Triq San Anard f'Bulebel, Tarxien : -

(i) Ġiegħlet, ħalliet jew ippermettiet il-vettura bil-mutur nru LCU 408 jew vettura oħra tinstaq min Muhammet Oytun li ma jkollhiex liċenzja meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra – Sec. 15(1)(b)(3) Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Użat, ġiegħlet jew ħalliet lil Muhammet Oytun juża' vettura bil-mutur nru. LCU 408 fit-toroq għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-

persuna l-oħra mingħajr polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni – Sec. 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li illiberat lill-imputata mill-imputazzjoni numru tnejn peress li ma tirriżultax, sabitha ħatja tal-ewwel imputazzjoni (Kapitolu 65 Art 15(1)(a)) u ikkundannata għall-ħlas ta' multa ta' tliet mitt euro (€300) u b'żieda mal-piena ordnat l-iskwalifika tal-imputata milli tikseb il-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmint ijiem (Kapitolu 65 Art. 15(3)).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellata ħatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tagħha mill-Prosekuzzjoni u tikkonfermaha wkoll fir-rigward tal-piena erogata u tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal-perjodu ta' tmint ijiem fir-rigward ta' din l-istess imputazzjoni;

(ii) U tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellata mit-tieni imputazzjoni (ċjoe' tar-reat ikkontemplat taħt is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-Liġi.

U dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

(i) Illi l-esponenti qiegħda tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Muhammet Oytun li kienet deċiża kontestwalment flimkien mas-sentenza in diżamina u dan in vista tal-fatt li l-Qorti lliberat l-appellata odjerna għaliex ġjaladarba Muhammet Oytun ġie lliberat mill-Qorti mill-imputazzjoni li saq vettura bil-mutur mingħajr ma hu kien kopert għall-użu tal-istess vettura b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni għar-raġuni hekk kif ġiet spjegata aktar 'il fuq f'dan ir-rikors, il-Qorti kienet tal-fehma li ma setgħetx issib ħtija fl-appellata fuq it-tieni imputazzjoni dedotta

kontrieha. L-esponenti tissottometti li l-interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Liġi li għamlet il-Qorti fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Muhammet Oytun ġiet riflessa wkoll fis-sentenza tal-każ odjern. Illi għaldaqstant l-aggravju tal-esponent jirrigwarda l-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma sabitx ħtija fl-appellata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieha mill-Prosekuzzjoni (ċjoe tar-reat li ġiegħlet, ħalliet jew ippermettiet il-vettura tinstaq minn persuna li ma kinitx koperta biex issuq dik il-vettura b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni taħt is-subartikolu 1 tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti tibda billi tagħmel referenza għas-subartikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi minn dan is-subartikolu jemerġu s-segwenti elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex ir-reat in kwistjoni jissussti: i) l-imputat fil-każ ta' użu, l-imputat ikun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taħt il-Liġi. Fil-każ ta' iġiegħel jew iħalli, l-imputat irid ikn sid il-vettura, xi ħadd li għandu pussess tagħha jew inkella xi ħadd li lilu ġiet fdata l-vettura; ii) il-vettura bil-mutur trid tintuża vettura bil-mutur sabiex dan ir-reat jissussti; iii) il-lok, il-vettura bil-mutur trid tintuża fit-toroq; iv) il-persuna li tkun qiegħda ssuq il-vettura trid tkun koperta, għall-użu ta' dik il-vettura bil-polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Illi hekk kif jirriżulta mis-sentenza odjernna u mis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Muhammet Oytun, fil-każ hawn fuq ċitat jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-ewwel tlett elementi u in fatti l-Qorti rat li dawn ġew ampjament ippruvati. Jirriżulta li kontestazzjoni qiegħda fuq ir-raba' element u kien għalhekk li l-Qorti lliberat lil Muhammet Oytun li per konsegwenza lliberat ukoll lill-appellata. Fl-umli fehma tal-esponenti, dejjem bid-dovut rispett, ai fini ta' dan l-element li hu rikjest li jiġ ppruvat hu li s-sewwieq ta' vettura huwa kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni fir-rigward tal-użu tal-vettura minnu misjuqa. Hekk kif ġie osservat fis-sentenza Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar: ''Is-serħan tal-moħħ li l-vittma għandu ċans ikbar għar-riżarċiment tad-danni ċivilment minħabba li kull karozza trid tkun assikurata bl-ebda mod ma jxejjen id-dmir li kull sewwieq ikun assigurat u li jekk jonqos li jagħmel dan jista' jinstab ħati ta' reat'. Ili dan ikun ifisser li kull sewwieq għandu dmir bil-liġi li jkun personalment assigurat b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi huwa evidenti li l-leġislatur qiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata (u ċjoe' minn juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur) il-ħtieġa li teżonera ruħa mir-responsabilita' kriminali billi : i) f'każ ta' persuna akkużata hija s-sewwieq tal-vettura, hija trid tippreżenta fl-atti tal-kawża ċertifikat tal-polza tal-assigurazzjoni li juri li bħala sewwieq tal-vettura hija koperta bl-istess għall-użu tal-vettura; ii) f'każ li l-persuna akkużata hija dik li ġiegħlet jew ħalliet persuna oħra tuża' l-vettura, trid tippreżenta ċ-ċertifikat li l-polza tal-assigurazzjoni li juri li dik il-persuna l-oħra li użat

il-vettura kienet koperta bl-istess għall-użu ta' dik il-vettura. Dan għaliex ma jfissirx li għaliex tkun ħarġet polza tal-assigurazzjoni fuq vettura, is-sewwieq tal-istess ikun neċessarjament kopert bl-istess. Ai termini tal-Artikolu 3(1B) tal-Kapitolu 104 tista'tingħata eċċezzjoni valida fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt l-Artikolu 3(1).

Illi fil-każ in eżami, kif jirriżulta mill-affidavits ta' PC 877 u dak ta' PC 606 J. Ellul, l-appellata ppermettiet lil Muhammet Oytun li jsuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCU 408 fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi: jirriżulta wkoll li dak in-nhar tal-akkadut, l-appellata kienet passiġġiera fl-istess vettura misjuqa minn Oytun. Hekk kif jirriżulta mill-vehicle details esebiti mir-rappreżentant ta Transport Malta, il-vettura kienet reġistrata fuq isem l-appellata fid-data ta' meta ġie kommess ir-reat. Jirriżulta wkoll mil-licence details esebiti minn Stephen Cachia li fid-data tal-allegat reat in kwistjoni Oytun ma kellux liċenzja valida tas-sewqan. In oltre ġiet imressqa bħala prova mid-difiża l-polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riski ta' terzi persuni tal-vettura in kwistjoni iżda pero' minkejja li ġiet esebita din il-polza, l-esponenti tissottometti li abbażi ta' dak li hemm provdut fis-subartikoli 1 u 1B tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u abbażi wkoll tal-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti fil-każ Pulizja vs Joseph Zahra hawn fuq imsemmi : - i) ġjaladarba ġie ppruvat li Oytun saq il-vettura mingħajr liċenzja valida tas-sewqan; ii) ġjaladarba ġie ppruvat li Oytun saq il-vettura bil-konoxxenza u fil-preżenza tal-appellata u ma jirriżultax li din użat xi diliġenza biex ma tħallix ir-reat iseħħ; iii) ġjaldarba wkoll li l-appellata nstabet ħatja talli ppermettiet persuna ssuq vettura reġistrata f'isimha mingħajr ma dik il-persuna kellha liċenzja tas-sewqan...dawn il-fatturi kollha meħudin flimkien kellhom neċessarjament iwasslu lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex issib ħtija fit-tieni imputazzjonii u ċjoe' r-reat ikkontemplat taħt is-subartikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-esponenti tagħmel ukoll referenza għall-kawżi Il-Pulizija vs, Joseph Gatt mogħtija nhar it-18 ta' Jannar 2016 u Il-Pulizija vs Andre Apap mogħtija nhar l-4 ta' Frar 2011. Illi in oltre fl-umli fehma tal-esponent, bil-mod kif is-subartikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-liġijiet ta' Malta huwa redatt, ma hemm l-ebda interpretazzjoni li tista' tingħata għajr waħda: li l-kliem għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna oħra użati fl-appena msemmi subartikolu jfissru li l-polza tal-assigurazzjoni għandha tkopri il-persuna li tkun qiegħda tuża l-vettura u mhux il-vettura nnifisha.

Illi huwa minnu li l-Liġi taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta hija intiża qabel kollox sabiex tipproteġi l-interessi ta' terzi persuni u huwa minnu wkoll li l-assigurazzjoni hija dejjem marbuta tagħmel tajjeb għad-dejn ċivili favur terzi persuni skont il-liġi. Madanakollu dan ma jfissirx li allura kull sewwieq jew kull persuna li ġġiegħel jew tħalli

persuna oħra ssuq vettura bil-mutur fit-toroq ikun/tkun eżonerata mill-obbligi tiegħu/tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-liġijiet ta' Malta.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

10. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

11. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

12. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta’ Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta’ din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta’ reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F’dan l-ezercizzju pero’ din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta’ din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe’ li il-funzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix “unsafe and unsatisfactory” fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim’istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista’ jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta’ din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

13. Illi nhar il-31 ta’ Jannar 2022 għall-ħabta ta’ 00.00hrs, il-Pulizija li kienu fuq ronda fl-inħawi ta’ Bulebel, limiti ta’ Ħal Tarxien, setgħu jinnutaw li kien hemm vettura tat-tip Kia Picanto bin-numru ta’ reġistrazzjoni LCU 408 qiegħda tinstaq bil-hazard lights mixgħula u li kienet qiegħda sserrep bejn il-karreġġjati għal mal-ġenb tat-triq. Wara tlett tentattivi sabiex il-Pulizija jwaqqfu l-vettura, irnexxilhom iwaqfu l-vettura fil-ġenb tat-triq u mill-investigazzjonijiet illi saru rriżulta li x-xufier kien persuna ta’ nazzjonalita’ barranija fl-isem ta’ Muhammet Oytun. Meta l-Pulizija staqsewh għad-dettalji tiegħu, dan deher li ma kienx qiegħed jifhem iżda fil-pront qabżet il-passiġġjiera li kienet ħdejh u bdiet toħloq kommozzjoni fejn fost oħrajn bdiet tgħajjat. Il-Pulizija setgħu wkoll jinnutaw li din il-mara kienet taħt l-effett tax-xorb.

14. Hija ġiet mistoqsija mill-Pulizija sabiex tipprovdi d-dettalji tagħha u tal-vettura iżda ma bdietx tikkopera magħhom. Stqarret li l-vettura kienet tagħha u li kienet hi li qalet lil Oytun sabiex isuq il-vettura għaliex hija ma felħitx issuq. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li għamlu l-Pulizija, irriżulta li l-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura kienet tkopri biss lil kull sewwieq li jkollu ‘l fuq minn 36 sena u li Oytun kellu biss 34 u għalhekk ma kienx kopert biex isuq dik il-vettura.

15. Sussegwentement, il-Pulizija pproċedew sabiex joħorġu c-charges relativi fil-konfront tal-appellata ABELA u Muhammet OYTUN rispettivament. Jirriżulta wkoll li ż-żewġ kawżi mxew kontestwalment u li nhar it-18 ta' Ottubru 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ppronunzjat sentenza fil-konfront tagħhom, liema sentenzi ġew appellati mill-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

16. Illi dan l-uniku aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jiċċentra fuq l-interpretazzjoni, skont hi skorretta, tal-Artikoli 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta b'rabta mad-deċiżjoni tan-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fl-appellata ABELA għat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tagħha. L-Avukat Ġenerali tinsisti kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ssib ħtija wkoll fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni kif miġjuba u dan in kwantu persuna li tinqabad issuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan valida ma tkunx ukoll koperta għall-użu ta' dik il-vettura minn polza tal-assigurazzjoni. Mill-banda l-oħra jirriżulta li skont il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) polza tal-assigurazzjoni tinħareġ fir-rigward ta' vettura u tkun għalhekk tkopri l-użu ta' dik il-vettura mill-persuna li tkun ħarġet il-polza tal-assigurazzjoni fuq dik il-vettura daqskemm ukoll lil kull persuna oħra li skont dik l-istess polza tkun ukoll tista' tagħmel użu minn dik il-vettura.

17. Jibda biex jingħad li l-ġurisprudenza Maltija mhix paċifika fuq din it-tema. Qabel is-sena elfejn u ħamsa, il-Qrati kienu konsistenti f'interpretazzjoni testwali tal-Artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li l-preżunzjoni (juris tantum) tiskatta kull meta jiġi ppruvat li vettura nstaqet fit-toroq mingħajr polza tal-assigurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni.

18. Din il-pożizzjoni ġurisprudenzjali nbidlet fis-sena elfejn u ħamsa b'riżultat tal-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** tat-3 ta' Novembru 2005, segwit ukoll fl-appelli kriminali **Il-Pulizija vs. Stefan Apap**[5] u **Il-Pulizija vs. Charles Galea**[6] fejn hawnhekk dik il-ġurisprudenza bdiet tiddistingwi bejn dawk il-każijiet fejn tiskatta l-preżunzjoni kkontemplata fl-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u dawk il-każijiet fejn ma jkunx jagħmel sens li dan

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April 207
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Mejju 2007.

iseħħ. Ġie ritenut li l-mekkaniżmu ta' inverżjoni tal-oneru tal-prova fuq l-imputat ai termini tal-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 jiskatta meta jiġi ippruvat li l-vettura misjuqa kienet qiegħda tinstaq minn persuna li ma kellhiex ukoll liċenzja valida tas-sewqan fit-triq.

19. Fejn imbagħad il-vettura tkun qiegħda tiġi misjuqa minn persuna li tkun fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan valida u l-awtoritajiet ikun jistgħu jaslu għall-identifikazzjoni tal-assiguratur awtorizzat u daqstant ieħor il-prosekuzzjoni tkun tista' tinġunġi sabiex tiddeponi persuna li tikkonferma l-ħruġ ta' dik il-polza, ma jkunx jagħmel sens li tiskatta il-preżunzjoni illi mhemmx polza tal-assigurazzjoni. Hekk fi kliem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawża **Apap** intqal:

> Illi ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan bla kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti:
>
> "Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi" [3.11.2005], fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl-akkuza, ma kellux licenzja tas-sewqan pero' kien irrizulta li l-vettura li kien qed isuq kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni.
>
> F' dik il-kawza l-appellant kien silet b'success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li jghid testwalment hekk ;-
>
> "Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta' taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din lOrdinanza (meta hija responsabbilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f' dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta' fuq imsemmija …." (sottolinear ta' din ilQorti).
>
> Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.
>
> Illi din il-Qorti kienet allura ddecidiet li minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita millassikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fissubartikolu (2) u (3), anki meta lassikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-

kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-risjki ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.

Jidher li dan il-kaz bhala fattispecji hu simili hafna ghal dak ta' Scuderi, fejn ukoll irrizulta li l-appellant kien qed isuq vettura li kienet assikurata pero' hu ma kellux licenzja.

Ikkonsidrat;

Illi huwa minnu li bejn l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lillartikolu 10 (1)(2) u (3) fil-kaz ta' Scuderi fuq citat u l-artikolu 3 (1A) tal-Kap.104 jista' jkun hemm certa kontradizzjoni apparenti.

Din pero' fil-fehma tal-Qorti hija biss apparenti w tista' tigi rikonciljata. Di fatti fejn ikun jidher prima facie ghallprosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar itTrasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fittriq u allura, bis-sistema amministrattiv prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, kif inhu l-kaz prezenti u kif kien dak ta' Scuderi, jibqa' dejjem jinkombi fuq ilprosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti kopert bl-istess polza.

Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment u x' aktarx ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.

Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).

Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni millProsekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi.

20. Din il-pożizzjoni ma baqgħetx tiġi abbraċċjata mill-ġurisprudenza suċċessiva fejn din tidher illi rrevertiet għall-

interpretazzjoni oriġinali tal-Artikolu 3(1) u tal-preżunzjoni kkontemplata fl-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta bħala li tiskatta indistintament u inekwivokabilment kull meta 'min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 4(4) tal-Kap. 104'. F'dan ir-rigward issir referenza għall-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gatt**[7] li ġiet iċċitata f'diversi sentenzi oħra fosthom fil-kawżi bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Spiteri**[8] u **Il-Pulizija vs. Shawn Fenech**[9] u ġie ritenut is-segwenti:

> Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan. Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbligi taghhom li jiehdu sehem f'pool bhala insurers concerned, ma jistghax jitqies li jezonera lil kull sewwieq mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fissentenza taghha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il- Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn "dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu.

21. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Andre Apap** deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar l-4 ta' Frar 2011 ġie rilevat illi:

> Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri certifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iż-żewġ dispożizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-

[7] Deċiża nhar it-18 ta' Jannar 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[8] Deċiża nhar it-30 ta' Settembru 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[9] Deċiża nhar it-3 ta' Mejju 2019 mill-Qort tal-Appell Kriminali.

> riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u ċioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jgibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni'

22. Issa, l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

> 3.(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.
>
> (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).

23. Illi bil-kliem tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta il-Leġislatur għamar li l-ebda vettura ma tinstaq fit-toroq mingħajr ma tkun inħarġet fir-rigward **<u>ta' dik il-vettura</u>**, polza tal-assigurazzjoni sabiex terzi persuni jiġu ittutelati f'każ ta' inċidenti jew sinistri stradali imputabbli għall-użu ta' dik il-vettura.

24. Fil-fatt, dan jirrifletti wkoll sa ċertu punt is-sens wara d-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabilita' ċivili fir-rigward tal-użu tal-vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbilita fejn skont ma jirriżulta mill-preamobolu tal-istess, l-obbligu li għandu jimpinġi fuq kull Stat Membru huwa dak li jassikura li tinħareġ polza tal-assigurazzjoni **<u>fir-rigward ta' vetturi</u>** ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi pubbliċi jew privati. Anki l-prinipju ta' ġurisdizzjoni, skont il-ħames paragrafu tad-direttiva, huwa marbut mat-territorju tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni u mhux ma' xi kriterju ieħor rikonduċibbli għas-sewwieq ta' dik il-vettura.

25. Huwa minnu li din l-Ordinanza tobbliga assiguraturi awtorizzati li jkopru l-ħsarat sofferti minn terzi persuni konsegwenti sinistri jew inċidenti stradali daqskemm huwa minnu wkoll li mhux possibbli li assiguratur awtorizzat joħroġ polza tal-assigurazzjoni li ma tkunx tkopri lil terzi persuni. Tant huwa minnu dan li l-artikolu 12(3) tal-

istess Ordinanza jgħid li **kull klawżola** li tinsab fil-polza tal-assigurazzjoni li teskludi mill-kopertura tal-assiguratur taħt il-polza tal-użu jew sewqan ta' vetturi bil-mutur minn:

(a) Persuni li ma jkunux awtorizzati jsuquha;
(b) Persuni li ma jkollhomx liċenza li tippermettilhom isuqu dik il-vettura;
(c) Persuni li jiksru l-ħtiġijiet tekniċi stabbiliti li jirrigwardaw il-kodizzjoni u s-sigurta tal-vettura bil-mutur inkwistjoni

**tkun invalida** fir-rigward talbiet għal danni minn terzi persuni.

26. L-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta però ma jistipulax biss l-obbligu ta' assigurazzjoni ta' vettura bil-mutur dwar riskji ta' terzi persuni fl-astratt. Il-Leġislatur rabat dan l-obbligu mal-użu ta' dik il-vettura bil-mutur fit-toroq **mal-użu ta' dik il-vettura bil-mutur magħmul minn persuna jew persuni partikolari**. L-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprojbixxi l-użu ta' vettura bil-mutur fit-toroq għal kull min – għall-użu ta' dik il-"**vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ**" - ma jkunx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

27. Dan l-artikolu allura joħloq obbligazzjoni kemm fuq min ikollu l-kontroll fuq il-vettura bil-mutur in kwistjoni kif ukoll fuq min ikun jista' juża tali vettura bil-mutur fit-toroq.

28. Taħt l-ewwel kategorija, kwalifikata bil-verbi "iġiegħel jew iħalli" lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, jidħlu s-sid ta' dik il-vettura jew kwalunkwe persuna oħra li b'xi mod ikollha setgħa jew kontroll fuq l-użu ta' dak il-vettura bil-mutur fit-toroq b'mod li sabiex dik il-vettura tkun tista' tinstaq fit-toroq ikun jeħtieġ l-għarfien, kunsens, jew l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex il-persuna li tkun trid issuq dik il-vettura takkwista l-aċċess għal dik il-vettura mingħandha.

29. Taħt it-tieni kategorija jaqgħu dawk il-persuni kollha, awtorizzati jew mhumiex, li b'xi mod jiġu fil-kontroll ta' vettura bil-mutur b'mod li jużawha fit-toroq.

30. Allura dan ifisser li dan l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeħtieġx **biss** li vettura bil-mutur trid tkun koperta b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni sabiex tkun

tista' tinstaq fit-toroq. Li kieku kien hekk, il-Leġislatur ma kienx jikteb dan l-artikolu 3(1) bil-mod kif inhu miktub u ċjoe li ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, **<u>għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra</u>**, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; iżda kien jagħmar sempliċiment li ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

31. Li kieku bl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta il-Leġislatur ried jippenalizza biss l-ipoteżi fejn ma jkunx hemm polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni maħruġa fuq vettura bil-mutur partikolari – irrispettivament jekk minn min jużaha jkunx kopert b'dik il-polza jew le – allura kien sempliċiment iħalli barra l-frażi "**<u>għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra"</u>** mill-artikolu 3(1) imsemmi. Iżda l-inklużjoni ta' dik il-frażi ma kienetx biss xi żieda kożmetika, u għalhekk dik il-frażi ġie inkluża għal raġuni.

32. Ladarba l-Leġislatur għamar li ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, **<u>għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra</u>**, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, loġikament iffisser li b'dik il-frażi l-Leġislatur ried li jorbot l-obbligu tal-kopertura assikurattiva marbuta mal-użu ta' dik il-vettura bil-mutur fit-toroq **<u>speċifikament</u>** mal-użu tal-vettura minn dik il-persuna li b'xi mod ikollha kontroll fuq l-użu ta' dik il-vettura jew mill-persuna li effettivament tuża dik il-vettura bil-mutur fit-toroq.

33. U allura dan ifisser ukoll illi, indipendentement mill-obbligu statutorju li l-assiguraturi awtorizzati għandhom versu t-terzi persuni kwantu għal riżarċimenti ċivili għal danni sofferti konsegwenti inċidenti jew sinistri stradali, il-Leġislatur ried jassikura li kull min ikollu taħt idejh il-kontroll ta' vettura bil-mutur, jew juża tali vettura bil-mutur fit-toroq ikun kopert dwar ir-riskji ta' terzi persuni billi jkun ukoll inkluż f'dik il-polza tal-assigurazzjoni li tkun maħruġa għall-użu minnu ta' dik il-vettura bil-mutur fit-toroq bħala sewwieq legalment awtorizzat.

34. Għalhekk huwa d-dmir ta' min ikun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur nonche ta' min juża dik il-vettura bil-mutur fit-toroq li jaċċerta kemm li jkun hemm tali polza tal-assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni li tkun fis-seħħ fil-perjodu rilevanti, kif ukoll li din tkun tkopri s-sewqan ta' dik il-vettura bil-mutur fit-toroq, kif ukoll li din il-polza tkun tinkludi lilu - bħala persuna li għandha kontroll fuq dik il-vettura bil-mutur jew li jkun utent ta' dik il-vettura bil-mutur fit-toroq - fost dawk il-persuni jew kategoriji ta' persuni li jkunu inklużi f'dik il-polza tal-assigurazzjoni b'mod li allura jkunu koperti taħt dik il-polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bħala sewwieqa legalment awtorizzati.

35. Għaldaqstant, l-eżami rikjest li jsir mill-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wieħed dupliċi u li jeħtieġ li tiġi determinata l-ko-eżistenza:

(a) tal-kriterju oġġettiv jekk tkunx fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni li tkun tkopri l-użu tal-vettura bil-mutur de quo fit-toroq f'dak il-perjodu ta' żmien partikoli; magħqud mad-
(b) tal-kriterju soġġettiv jekk il-persuna li tkun qegħda fil-kontroll ta' dik il-vettura bil-mutur jew li tkun qed tuża dik il-vettura bil-mutur fit-toroq tkunx koperta bħala sewwieq legalment awtorizzat taħt l-istess polza tal-assigurazzjoni.

36. B'hekk persuna tkun tista' tagħmel użu anki minn vettura li mhix proprjetarja tagħha dment li hija **tkun ukoll** koperta għall-użu ta' dik il-vettura skont il-polza tal-assigurazzjoni li tkun inħarġet fuq dik il-vettura billi tkun persuna inkluża bħala sewwieq legalment awtorizzat taħt dik il-polza.

37. Allura l-użu tal-vettura fit-triq jista' jsir kemm minn persuna li tkun sidt dik il-vettura kemm ukoll minn persuna oħra li għad li ma tkunx sidt dik il-vettura jew persuna li tikkontrolla dik il-vettura bil-mutur, tkun ġiet awtorizzata jew imġiegħla ssuqha minn dik il-persuna li tkun is-sid tal-vettura bil-mutur jew li b'xi mod ikollha kontroll fuq l-użu ta' dik il-vettura fit-triq. Minn dan allura jsegwi wkoll li **mhux kull persuna li ssuq vettura bil-mutur fit-triq neċessarjament tkun dik il-persuna li tkun ħarġet il-polza tal-assigurazzjoni fuq dik il-vettura**.

38. L-Artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li polza tal-assigurazzjoni tkun tista' titqies li kienet magħmula skont il-Liġi u għalhekk valida, jekk l-assiguratur awtorizzat joħroġ ċertifikat fil-forma stabbilita **<u>lill-persuna li ħadet il-polza.</u>**

39. Ikun ukoll isegwi li sabiex il-persuna passibbli għal reat magħmul bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta teżimi ruħha mir-responsabilita' penali, hija trid jipprova sal-livell tal-probabbli li fir-rigward tas-sewqan ta' dik il-vettura bil-mutur fit-toroq tkun inħarġet polza tal-assigurazzjoni valida skont id-dettami tal-Artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u li tali polza kienet valida anki fiż-żmien li jaqa' fil-parametri tal-imputazzjonijiet kif ipprospettati mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tagħha, kif ukoll li dik l-istess persuna kienet ukoll sewwieq legalment awtorizzat ta' dik il-vettura bil-mutur fit-toroq skont l-istess polza tal-assigurazzjoni.

40. Id-distinzjoni bejn sid il-vettura jew min ikollu kontroll fuq dik il-vettura jew minn assigurat u kull sewwieq ieħor li jista' jkun qiegħed jagħmel użu minn dik il-vettura, terġa' wkoll tirriżulta fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li tgħid:

> Il-persuna li titlob liċenza jew it-tiġdid ta' liċenza għal vettura bil-mutur għandha ġġib prova kif jiġi stabbilit illi jew-
> (a) li fid-data meta l-liċenza jibda jkollha effett tkun isseħħ il-polza ta' assigurazzjoni meħtieġa għall-użu tal-vettura **mir-rikorrent jew minn persuni oħrajn b'ordni tiegħu jew bil-permess tiegħu;**[10] inkella
> (b) li l-vettura hija waħda li għaliha jgħodd l-artikolu 3(4).

41. Inoltre, r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta huwa 'strict liability offence'. Skont l-insenjamenti tal-Professur Mamo,[11] l-offiżi li jitqiesu 'strict liability offences' huma eċċezzjoni għar-regola 'actus non facit reum nisi mens sit rea' in kwantu:

> Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment.[12] It may also be imposed for regulatory offences. The general

---

[10] Enfasi miżjuda.
[11] <u>LL.B. I - First Year Criminal Law (Mamo Notes) Revamped by GħSL - Notes and Past Papers - Issuu</u> a11ess: 8 ta' Novembru 2022
[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.

.../...

'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. **In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment.**[13] (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ).

42. Fejn il-Leġislatur ried li jimponi regoli stretti biex jinforza aħjar ċerti projibizzjonijiet huwa ma ippermettix derogi. Minn qari testwali tal-Liġi stess jemerġi li s-sanzjoni hemmhekk ikkontemplata u r-reita' għall-ksur tal-istess tiskatta mal-mument illi jiġi ippruvat fattwalment li sar dak il-ksur.

43. Skont il-Professur Mamo[14] il-każijiet ta' 'strict liability' jammettu wkoll difiża fuq 'reasonable mistake of fact'. Ġurisprudenza kostanti tqis li mhux kull 'żball' jew 'mistake of fact' huwa ammess bħala difiża biex wieħed jeżimi ruħu mir-responsabilita' kriminali dwar ksur ta' xi liġi. Dan l-iżball irid ikun wieħed **<u>essenzjali</u>** nonche' li jolqot wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat u jrid ikun ukoll **<u>inevitabbli</u>** tant li anki jew huwa juża' d-diliġenza u l-prudenza kollha meħtieġa, xorta waħda kein jaqa' f'dan l-istess żball. Huwa biss jekk l-akkużat jirnexxilu jipprova dawn iż-żewġ elementi li tiġi newtralizzata r-responsabilita' kriminali. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Hadrian Busietta** deċiż nhar it-28 ta' April 2010 ġie ritenut:

Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. "Din il-Qorti ma taqbilx.

[13] Enfasi miżjuda.
[14] <u>LL.B. I - First Year Criminal Law (Mamo Notes) Revamped by GħSL - Notes and Past Papers - Issuu</u> aċċess 23 ta' Novembru 2022.

> Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali.

44. Hekk ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Rennie sive Nazzareno Agius** deċiż nhar il-11 ta' Lulju 2002, ġie mistqarr:

> Illi umbaghad dik il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata fejn intqal li l-Libjan waqqa' lill-appellat fi zball , li ovvjament qed tirriferi ghal zball ta' fatt jew "mistake of fact" , ukoll ma tidhirx accettabbli , ghaliex biex zball ta' fatt ikun skuzanti fil-kaz tad-dritt penali , hemm bzonn li mhux biss ikun zball ta' natura essenzjali , imma irid ikun "INEVITABBLI" (emfasi tal-Qorti). Jigifieri anki kieku l-appellat verament emmen li l-libjan kellu permess jew licenzja biex jahdem hawn Malta u mhux biss kellu passaport biex ikun Malta , dan it-twemmin zbaljat ma kienx wiehed inevitabbli . Ghaliex kif jghid l-istess Prof. Sir. Anthony Mamo (ibid. p. 98):-
>
> "The mistake must be 'inevitable' , that is, such that it could not be avoided by the exercise of reasonable care.

45. Issa skont ma jirriżulta minn paġna 16 tal-atti proċesswali,[15] il-vettura tal-għamla Kia Picanto reġistrata f'isem l-appellata u li ġġib in-numru ta' pjanċa ta' reġistrazzjoni LCU 408 kellha polza tal-assigurazzjoni maħruġa mal-kumpanija Elmo Insurance sabiex tkopri l-użu tal-vettura bil-mutur de quo bejn il-perjodu tal-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022. B'hekk fiż-żmien indikati fiċ-ċitazzjoni li ppromoviet din il-kawża, il-vettura in kwistjoni kellha polza tal-assigurazzjoni valida sabiex dik il-vettura bil-mutur tinstaq fit-toroq skont il-liġi.

46. Biss, jirriżulta wkoll li f'dik l-istess polza tal-assigurazzjoni, l-uniċi persuni li kienu indikati bħala sewwieqa awtorizzat biex legalment isuqu din il-vettura bil-mutur taħt dik il-polza tal-assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni kienu l-'policy holder' stess iġifieri Sharon ABELA nnifisha u 'any person aged 36 years or over driving on your order or with your permission'.

47. Imbagħad skont ma jirriżulta mill-aċċertamenti li għamlu l-uffiċjali tal-Pulizija PC 877 G. Vella u b'mod partikolari PC 606 J.

[15] Liema prova tikkonsisti f'kopja legali tal-inkartament li jifforma parti mill-atti proċesswli tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Muhammet Oytun.

Ellul, il-persuna li nqabdet issuq il-vettura, Muhammet Oytun, kellu 34 sena dakinhar tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri in kwantu dan twieled fit-2 ta' Marzu 1988 f'Kavak fit-Turkija.

48. Dan allura jfisser illi għalkemm il-vettura li kienet misjuqa minn Muhammet Oytun kellha polza tal-assigurazzjoni sabiex tkopri kontra r-riskji ta' terzi persuni, l-istess polza però ma kinitx ukoll tinkludi lil Oytun bħala wieħed mill-persuni li setgħu jinkwadraw ruħhom fil-katergorija ta' sewwieqa legalment awtorizzati biex isuqu dik il-vettura taħt dik l-istess polza tal-assigurazzjoni.

49. F'dan il-każ allura jirriżulta li l-ewwel kriterju, ossija dak oġġettiv – iġifieri jekk tkunx fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni li tkun tkopri l-użu tal-vettura bil-mutur de quo fit-toroq f'dak il-perjodu ta' żmien partikoli - ġie sodisfatt; iżda t-tieni kriterju ossija dak soġġettiv marbuta ma jekk il-persuna li tkun qegħda fil-kontroll ta' dik il-vettura bil-mutur jew li tkun qed tuża dik il-vettura bil-mutur fit-toroq tkunx koperta bħala sewwieq legalment awtorizzat taħt l-istess polza tal-assigurazzjoni, ma ġiex sodisfatt. B'hekk stante li dawn il-kriterji jridu jiġu sodisfatti flimkien, u f'dan il-każ ma ġewx, dan is-sewqan ta' dik il-vettura minn Muhammet Oytun kien sewqan li sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

50. Kif sewwa stqarret l-Avukat Ġenerali, l-appellata kienet konsapevoli li Oytun kien qiegħed isuq il-vettura tagħha. Ukoll, l-appellata ma tistax targumenta illi hija ressqet dik il-prova li jrid l-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tirribatti l-preżunzjoni li l-vettura misjuqa minn Oytun kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Għall-kuntrarju, mill-prova illi resqet id-Difiża tagħha irriżulta kjarament kif Oytun **ma kienx** kopert b'dik l-istess polza li nħarġet fuq il-vettura tal-appellata.

51. Għaldaqstant jirriżulta fattwalment ippruvat sal-grad rikjest mil-Liġi fil-kamp penali li dakinhar tal-31 ta' Jannar 2022, l-appellata ppermettiet lil persuna oħra, Muhammet Oytun, tuża l-vettura tagħha mingħajr ma din il-persuna kienet koperta skont il-polza tal-assigurazzjoni kif maħruġa fuq il-vettura LCU 408, sabiex issuq dik il-vettura.

52. Għalhekk din il-Qorti tqis li fid-dawl ta’ dawn il-provi, legalment u raġonevolment, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tiddeċiedi illi tillibera lill-appellata minn din it-tieni imputazzjoni għaliex ma sabitx lil Muhammet Oytun ħati tal-imputazzjoni analoga fil-proċeduri illi ttieħdu separatament kontrih. Dan għaliex l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta, jikkontempla l-possibilita ta’ sejbien ta’ ħtija f’iktar minn persuna waħda għal dan l-istess reat, skont ix-xenarju legali partikolari li jkun jolqot il-każ ta’ dik il-persuna li tkun ġiet mixlija.

53. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-appell tal-Avukat Ġenerali jisħoqqlu li jiġi milqugħ għaliex in bażi għall-provi prodotti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment tillibera lill-appellata mit-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħha.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa’ l-appell u tiddeċiedi bil-mod segwenti:**

**(i) Tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien ta’ ħtija għall-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellata ABELA;**
**(ii) Tħassar is-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellata mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni;**
**(iii) Minflok issibha ħatja wkoll tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħha; u għalhekk**
**(iv) tirriformaha s-sentenza appellata f’dik il-parti konċernanti l-piena billi:**
**(a) tħassarha f’dik il-parti fejn imponiet il-piena tal-multa ta’ tliet mitt euro (€300), u ai termini tal-Artikoli 17(f) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta timponi multa komplessiva qrib il-minimum fl-ammont ta’ elfejn u ħames mitt euro (€2500); u wkoll**
**(b) tħassarha f’dik il-parti konċernanti l-iskwalifika fejn minflok skwalifika għall-perjodu ta’ tmint ijiem, ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta,**

**timponi l-perjodu minimu ta' skwalifika ta' tnax-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**